*Anniversarju*

# Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex 50 sena wara



*kitba ta'* **ANTON TABONE**

Ġie deċiż li jitfakkar uffiċjalment il-ħamsin anniversarju mill-ħolqien tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex. L-inizjattiva għan-nom tal-Gvern ittieħdet mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali Chris Said. Inżammet konferenza stampa għall-aħħar ta' Jannar fil-Banca Giuratale, post storiku llum is-*sede* tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, u il-post fejn kien jitlaqqa l-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex. F'dik l-okkażjoni s-Segretarju Parlamentari ħabbar li l-attivitajiet marbutin ma' din it-tifkira għandhom isiru bejn April u Lulju ta' din is-sena. Infatti t-twaqqif uffiċjali tal-Kunsill Ċiviku kien fl-14 ta' April bil-pubblikazzjoni ta' l-Ordinanza X1 tas-sena 1961. L-ewwel elezzjonijiet tal-Kunsill saru fl-4 ta' Ġunju ta' l-istess sena u fit-8 ta' Lulju 1961 saret iċ-ċerimonja uffiċjali tal-ftuħ tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.

Jien intlabt biex nifforma parti u nidderieġi l-Kumitat li se jieħu ħsieb jorganizza l-attivitajiet msemmija. Ħassejtni fid-dmir li għandi naċċetta għaliex it-twaqqif ta' dan il-Kunsill ħamsin sena ilu kien avveniment storiku għal Għawdex, imma ukoll għal Malta. Fl-okkażjoni tal-konferenza stampa ġejt mistieden inlissen kelmtejn u bdejt ngħid li kelli għax naħseb li kulħadd jaqbel mad-deċiżjoni li sejra tfakkar l-anniversarju, il-ħamsin wieħed, mill-ħolqien tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex. Issuktajt ngħid li fil-fehma tiegħi l-aħjar mod kif dan l-avveniment jista' jiġi mfakkar, huwa billi nħarsu lura lejn it-twaqqif u l-operat tiegħu matul iż-żmien li għamel fix-xena Għawdxija bejn l-1961-1973, u waqt li nirriflettu fuq dik il-ġrajja, fl-istess ħin inħarsu 'l quddiem fuq x'tagħlimiet wieħed illum jista' jakkwista mill-esperjenzi li ħarġu minnha.

Żidt ngħid li nemmen li l-attivitajiet ta' kommemorazzjoni għandhom jilħqu lill-pajjiż kollu, għax għalkemm il-Kunsill Ċiviku kien jitħaddem speċifikament fil-gżira ta' Għawdex, kien fih innifsu żvilupp istituzzjonali li serva u interessa lill-Malta ukoll. Kien u baqa' suġġett ta' rilevanza fil-pajjiż tant li l-Kunsilli Lokali kif nafuhom illum twaqqfu fis-sena 1993, għoxrin sena eżatt wara li ġie xolt il-Kunsill Ċiviku Għawdxi.



**L-EWWEL KUMITAT ĊIVIKU GĦAL GĦAWDEX 1961**

*Xellug għal-lemin (bil-wieqfa): Mr Lawrence Apap (San Lawrenz), Mr Joseph Grech (Għasri), Mr Joseph Galea (Żebbuġ), Mr Joseph Cauchi (Għajnsielem), Rev. Emmanuel Galea (Xagħra), Mr Anthony Vella (Kerċem), Mr Emmanuel Schembri (Fontana), Mr Joseph Buttigieg (Sannat)*
*(Bil-qiegħda):Joseph Said (Nadur), Rev. Joseph Debrincat (Munxar), Rev. N. Cauchi (Rappreżentant tal-Isqof), Mr Anthony Buttigieg (Qala), Dr Anton Tabone (President) (Victoria), Mr Joseph Vella Muskat (Segretarju Ġenerali) (membru co-opted), Mr Joseph J. Vella (Xewkija), Rev. Espeditu Tabone (Rappreżentant tal-Kulleġġ tal-Kappillani), Mr Salvu Portelli (Għarb)*



*Il-Banca Giuratale fit-Tokk tal-Belt Victoria kienet is-sede uffiċjali fejn kien jiltaqa' l-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex kemm dam jeżisti*

L-ewwel osservazzjoni li nħoss li għandha ssir hi dik li ġġegħlek tħares mill-perspettiva li dan il-Kunsill twieled biex ikopri lill-Għawdex kollu (u miegħu Kemmuna), u bħala konsegwenza daħħal il-kunċett ta' awtonomija reġjonali fl-amministrazzjoni tal-gżira, kif ukoll fil-konsiderazzjonijiet nazzjonali li jirrigwardawha. B'hekk Għawdex ingħata għodda u leħen li seta' jużahom għal benefiċċju ta' l-iżvilupp tiegħu u ta' niesu, kif ukoll servew l-interess nazzjonali. U dan għaliex l-iżvilupp infrastrutturali li seħħ fi żmien il-ħajja tal-Kunsill, jew li jaf il-bidu tiegħu fi żmienu, anke naturalment ukoll bl-assistenza tal-Gvern Ċentrali, kien jikkonsisti f'diversi proġetti kbar ta' benefikat fit-tul għal Għawdex u għal l-Għawdxin li kkontribwew ukoll għal ġid kollettiv u nazzjonali.

Ħadt pjaċir insemmi b'sodisfazzjon uħud mill-proġetti, servizzi u xogħlijiet oħra li twettqu f'dak iż-żmien. Bħal l-iżvilupp tal-port ta' l-Imġarr; bini ta' sptar ġdid fjamant f'ta' l-Ibraġġ; il-bini ta' l-ewwel fabbriki tal-gżira ġox-Xewkija; il-bini ta' l-ewwel '*housing*' soċjali f'Għawdex f'Taċ-Ċawla; bini ta' '*playing fields*' u l-manutenzjoni tagħhom f'diversi nħawi tal-gżira; bini ta' impjant tad-desalinizzazzjoni fil-limiti tal-Qala; bini ta' impjant tat-tarmak f'tarf ir-Rabat; indafa pubblika u estensjonijiet ta' servizzi ta' l-ilma, ta' l-elettriku u tad-drenaġġ mal-gżira kollha; servizzi ġodda fl-isptar. L-ewwel servizz veloċi fuq il-baħar li ġie introdott fil-pajjiż kien f'dak iż-żmien permezz ta' l-Aliscafo li ħadem bejn l-Imġarr u l-Port il-Kbir. Fl-istess żmien twaqqfet kumpanija *private* ta' l-ajru u sa kien inxtara ajruplan żgħir bl-isem ta' *Islander* u inġieb Malta u baqa' jistenna jingħata l-liċenzja biex jagħti s-servizz. U l-ewwel żvilupp veru fit-turiżmu beda ukoll f'dik l-epoka bil-bini ta' żewġ lukandi kbar waħda f'Marsalforn u l-oħra f'Ta' Ċenċ. U 'l bqija.

Għalhekk, sostnejt, li hemm ħafna x'wieħed jixtarr u x'jitgħallem mill-esperjenza tal-ħajja tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex li kien safa' abolit f'Diċembru 1973. Warajh, kważi 15-il sena wara, twaqqaf il-Ministeru għal Għawdex, li fl-opinjoni sħiħa tiegħi kien, għadu u jibqa' strumentali fit-twettiq ta' politika fuq livell nazzjonali. Daqstant ieħor però, nħoss u nemmen li hemm spazju għall-aħjar amministrazzjoni ta' ħwejjeġ Għawdex kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell reġjonali, biex verament tkun tista' ssir ġustizzja sħiħa miegħu. Għaliex b'hekk biss tkun tista' tiġi rispettata d-dimensjoni reali tiegħu ta' gżira fl-Arċipelagu Malti, speċjalment illum meta dan ir-rispett għandu jkollu rikonoxximent ikbar u iżjed konkret issa li pajjiżna hu Membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Fl-aħħar awgurajt li l-attivitajiet tal-kommemorazzjoni tal-ħamsin anniversarju joħolqu l-opportunità lil kull min hu interessat biex jikkontribwixxi fehmtu fuq lis-*status* politiku amministrattiv li għandu jkollu Għawdex, ukoll bħala konsegwenza li toħroġ mill-esperiment u esperjenza tal-Kunsill Ċiviku tiegħu mwaqqaf ħamsin sena ilu.

